# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 256/2022/2**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Charlene Gatt**

Illum 28 ta' Novembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Charlene Gatt**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 254785(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar l-4 ta' Mejju 2022 għall-ħabta ta' 00:45hrs, ġewwa Triq Testaferrata, Ta' Xbiex:-

1. mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' Tracey Borg f'periklu ċar, ikkaġunatilha ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, liema ħsara hija ta' natura gravi hekk kif ċertifikat minn Dr. Adriana Grech M.D. (Reg. No. 4268) ġewwa d-Dipartiment ta'

l-Emerġenza fl-iSptar Mater Dei, u dan bi ksur ta' Artikoli 214, 216, 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ġarret il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew iniggeż, ta' liema xorta jkun, mingħajr ma kellha liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur ta' Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kisret il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'għajjat u bil-ġlied jew b'xi mod mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħebbet kontra persuna sabiex tinġurjaha, iddejjaqha jew tagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali, u dan bi ksur ta' Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi u fiż-żminijiet ta' qabel, ġewwa l-Gżejjer Maltin, naqset milli tħares il-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.) fid-digriet tagħha tad-29 ta' Novembru 2018, li bih ingħatat il-ħelsien mill-arrest, u dan bi ksur ta' Artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi u fiż-żminijiet ta' qabel ġewwa l-Gżejjer Maltin, naqset milli tħares il-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D.) fid-digriet tagħha tal-25 ta' Frar 2022, li bih ingħatat il-ħelsien mill-arrest, u dan bi ksur ta' Artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi u fiż-żminijiet ta' qabel ġewwa l-Gżejjer Maltin, naqset milli tħares il-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr. Noel Bartolo LL.D.) fid-digriet tiegħu tat-22 ta' April 2022, li

bih ingħatat il-ħelsien mill-arrest, u dan bi ksur ta' Artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2021 (Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja LL.D.) ikkommettiet reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, u dan bi skur ta' Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, ikkommettiet reat waqt il-perijodu ta' ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-24 ta' Frar 2022 (Maġistrat Dr. Nadine Lia LL.D.), u dan bi ksur ta' Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

10. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi rrendiet ruħha reċidiva *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu .9 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tagħha mill-Qrati Maltin, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputata għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża u ċioè ta' Tracey Borg, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputata skont Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u, f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta' ta' Tracey Borg u l-familja tagħha *ai termini* ta' Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta *ai termini* ta' Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Settembru 2024, fejn il-Qorti, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tar-raba' (4), tat-tmien (8) u tad-disa' (9) imputazzjoni dedotti fil-konfront tal-imputata, ma sabitx lill-imputata ħatja tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha u b'hekk illiberatha minnhom u, wara li rat Artikoli 17(b), 18, 31, 49, 214, 215, 216(1)(ċ)(d), u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja ta' l-ewwel (1), tal-ħames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7) u tal-għaxar (10) imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha u kkundannatha għall-perijodu ta' tliet (3) snin priġunerija.

L-Ewwel Qorti ordnat li miż-żmien ta' priġunerija impost fuq l-imputata kellu jitnaqqas dak iż-żmien li għamlet taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

*Ai termini* ta' Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat is-segwenti:

- il-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' elf Euro (€1,000) mill-garanzija personali ta' għaxart elef Euro (€10,000) li biha l-imputata kienet qed tagħmel tajjeb għall-ħelsien mill-arrest konċess lilha bid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datat 29 ta' Novembru 2018;

- il-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' elf Euro (€1,000) mill-garanzija personali ta' għaxart elef Euro (€10,000) li biha l-imputata kienet qed tagħmel tajjeb għall-ħelsien mill-arrest konċess lilha bid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datat 25 ta' Frar 2022; u

- il-konfiska tal-garanzija personali fl-ammont ta' elf Euro (€1,000) li biha l-imputata kienet qed tagħmel tajjeb għall-ħelsien mill-arrest konċess lilha bid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datat 22 ta' April 2022.

L-Ewwel Qorti għamlitha ċara li fid-dawl ta' l-ordni ta' konfiska impost minnha fuq l-imputata, sabiex hija tkun tista' tkompli tibbenefika mill-ħelsien mill-arrest lilha konċess bid-digrieti msemmija, wara tali konfiska tal-garanziji personali, fejn fir-rigward tal-garanziji personali marbuta mad-digrieti datati 29 ta' Novembru 2018 u 25 ta' Frar 2022 il-konfiska hija parzjali u fir-rigward tal-garanzija personali marbuta mad-digriet datat 22 ta' April 2022 il-konfiska hija totali, hija kellha terġa' tagħmel garanzija għall-ammont kollu oriġinarjament ordnat. Fin-nuqqas li tagħmel dan, l-imputata ma kinitx qed tottempera ruħha ma' dak fuqha mpost għall-finijiet tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest u b'hekk kienet qed tirrendi lilha nnifisha suġġetta għar-ri-arrest tagħha sakemm tiġi hekk in ottemperanza mal-benefiċċju lilha konċess.

*Ai termini* ta' Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ħarġet fil-konfront ta' l-imputata Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurta' ta' Tracey Borg, liema Ordni ta' Trażżin inħareġ għal perijodu ta' tliet (3) snin dekoribbli mid-data tas-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'digriet mogħti minnha stess, liema digriet ġie anness mas-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' Artikolu 382A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti spjegat lill-imputata bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqha bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tagħha kif ukoll ir-responsabilita' tagħha f'każ li tikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u ċioè f'tali eventwalità tista' tiġi ikkundannatha għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fil-15 ta' Ottubru 2024 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata u dan billi filwaqt illi* ***TIKKONFERMAHA*** *f'dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx lill-appellanti ħatja tat-tieni (2) u t-tielet (3) akkużi kif dedotti fil-konfront tagħha u wkoll fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tar-raba' (4), tmien*

*(8) u disa' (9) akkużi, **TĦASSARHA U TIRREVOKAHA** f'dik il-parti fejn sabet lill-imputata ħatja ta' l-ewwel (1), il-ħames (5), is-sitt (6), is-seba' (7) u l-għaxar (10) imputazzjoni dedotti fil-konfront tagħha u konsegwentement **TIDDIKJARAHA** mhux ħatja tagħhom u b'hekk **TILLIBERAHA** minn kull imputazzjoni, ħtija u piena; sussidjarjament u f'każ illi din il-Qorti jidhrilha li għandha ssib ħtija, **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellanti, liema Risposta ġiet ippreżentata fl-4 ta' Novembru 2024.

Semgħet, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2024, kemm lill-konsulent legali tal-appellanti u kif ukoll lill-avukat mill-uffiċju tal-Avukat Ġenerali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mar-Rikors tal-appell u mar-Risposta tagħhom rispettivi.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-27 ta' Settembru 2024.

Illi fir-Rikors tal-appell tagħha l-appellanti titlob li din il-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza appellata fejn il-Qorti msemmija ma sabithiex ħatja tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni, fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tar-raba' (4), tat-tmien (8) u tad-disa' (9) imputazzjoni filwaqt li tbiddilha fejn hija ġiet misjuba ħatja tal-ewwel (1), tal-ħames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7) u tal-għaxar (10) imputazzjoni jew, alternattivament, titlob li din il-Qorti teroga piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi dan il-każ jirrigwarda aggressjoni b'dana illi fl-4 ta' Mejju 2022 għal ħabta ta' 00.45am, il-Pulizija rċevew rapport li kien seħħ *stabbing* ġewwa Triq Testaferrata, l-Gżira. Meta l-Pulizija rrikorrew fil-post huma sabu l-parti leża Tracey Borg li kienet qed tiġi assistita minn *team* mediku. Jidher li l-parti leża spjegat li qalgħet daqqa mingħand l-appellanti quddiem il-pompa tal-petrol *Falcon Service Station*. Minn investigazzjoni rriżulta li fil-pompa tal-petrol kien hemm titjir ta' demm.

Illi eventwalment l-appellanti allura imputata ġiet mixlija quddiem l-Ewwel Qorti bl-imputazzjonijiet elenkati aktar 'il fuq.

**Ikkunsidrat**

Illi jkun opportun li f'dan l-istadju din il-Qorti tinnota li fir-Rikors tal-appell tagħha l-appellanti titlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tilliberaha minn dawk l-imputazzjonijiet fejn l-Ewwel Qorti sabet ħtija fiha b'dan illi minkejja li hemm tali talba din il-Qorti tinnota li fil-korp tar-Rikors tal-appell tagħha ma ġie mressaq l-ebda aggravju jew raġuni dwar dan. Minħabba f'hekk, din il-Qorti hija prekluża milli tipprova tifhem hi r-raġuni għala din il-Qorti ma għandhiex tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tal-appellanti mill-Ewwel Qorti fir-rigward tal-ewwel (1), tal-ħames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7) u tal-għaxar (10) imputazzjoni. Għaldaqstant dik il-parti tat-talbiet fir-Rikors tal-appell tal-appellanti li tikkonċerna dan qed tiġi miċħuda.

**Ikkunsidrat**

Illi l-uniku <u>aggravju</u> mressaq mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tagħha. Hija tisħaq li l-piena ta' tliet (3) snin priġunerija in kwantu għas-sejbien ta' ħtija ta' ħames mill-għaxar imputazzjonijiet hija waħda eċċessiva. Hija tagħmel riferenza għall-ġurisprudenza u targumenta li l-piena ma għandhiex isservi sabiex titpatta l-ħsara li tkun ġarrbet il-parti leża jew mill-familjari tagħha kawża tas-sinistru. Tkompli li l-ġustifikazzjoni tal-piena hija marbuta ma' tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq is-segwenti effetti: retributtiv,

preventiv, u ri-edukattiv u rijabilittativ tal-piena. L-appellanti tgħid li l-piena mposta fil-konfront tagħha kemm fil-kwalita tagħha u kif ukoll fil-kwantita ma toħloqx bilanċ bejn l-element retributtiv u dak riformattiv. Issostni li fil-każ odjern il-piena hija fil-fatt eċċessiva.

Illi minn naħa tiegħu, fir-Risposta tiegħu l-Avukat Ġenerali jirrileva li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellanti hija waħda li xxaqleb lejn il-minimu aktar milli l-massimu u hija *entro* l-parametri tal-liġi. Ikompli li l-każ odjern jikkontempla reati serjissimi fejn mhux talli l-appellanti poġġiet il-ħajja tal-parti leża fil-periklu iżda talli kisret diversi ordnijiet tal-Qorti u dan waqt proċeduri pendenti meta suppost kellha taderixxi magħhom bi sħiħ. B'riferenza għal elementi msemmija fir-Rikors tal-appell dwar il-piena, l-Avukat Ġenerali jispjega li għalkemm huwa minnu li wieħed ma għandux jaqta' qalbu mir-riformazzjoni tal-appellanti pero' jkompli li wieħed ma jistax japplika tali prinċipji f'*vacuum* jew mingħajr konsegwenzi. Itenni li l-appellanti għandha kondotta vjolenti immens u refrattarja. Għalhekk jgħid li, tenut kont ta' dan, is-soċjeta' ma tistax tkun sigura meta l-appellanti lanqas tibża mill-ordnijiet tal-Qorti.

Illi dwar l-aggravju in eżami, din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Diċembru 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Clifford Bugeja** (Numru 196/2019) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "41. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar 'il fuq fl-appell ***Kandemir*** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik

li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli:

a. għall-offiża in kwistjoni u

b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni."

Illi fl-aggravju tagħha l-appellanti tikkontesta l-piena ta' priġunerija erogata mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti tinnota li l-appellanti nstabet ħatja mill-Ewwel Qorti li, fost affarijiet oħra, ikkaġunat ħsara lill-parti leża liema ħsara kienet ta' natura gravi *ai termini* ta' Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-piena prevista taħt dan l-Artikolu hija dik ta' bejn sena u seba' (7) snin priġunerija.

Illi stabbilit dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti għalhekk għandu raġun l-Avukat Ġenerali meta jgħid li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata taqa' fil-parametri tal-liġi. Din il-Qorti tinnota wkoll li r-reat in kwistjoni kien ta' natura ferm vjolenti u seta' kien hemm konsegwenzi ferm agħar. Il-ġurisprudenza nostrana tgħallem li meta jkun hemm vjolenza fuq il-persuna l-piena l-aktar rakkomandabbli hija dik ta' piena ta' priġunerija effettiva. Dwar dan il-punt din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nazzareno Caruana** (Numru 45/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet is-segwenti:

> "Fit-tieni lok l-appellant stqarr li l-piena inflitta kienet waħda eċċessiva fiċ-ċirkostanzi. L-appellant jgħid li l-ewwel qorti għamlet żball meta ġiet biex tapplika l-piena għaliex qieset il-piena li għandha timponi hija waħda ta' priġunerija mandatorja. Jingħad bla tlaqliq dan mhux minnu għaliex l-ewwel Qorti għamlet referenza għas-sentenzi ta' din il-Qorti li jgħidu li f'każ ta' aggressjoni konsistenza fi vjolenza fiżika fuq persuna l-piena idoneja hija dik ta' priġunerija. Naturalment dan ma jfissirx li hija mandatorja iżda li hija rakkomandabbli. M'hemmx dubju li l-piena mogħtija taqa' fil-parametri tal-liġi. Issa huwa ormai paċifiku li illi fil-ġurisprudenza nostrana speċjalment dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti."

Illi apparti dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti ma tistax ma tinnutax il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita quddiem din il-Qorti li minnha jirriżulta li l-appellanti għandha fedina penali ferm kulurita u dana apparti dak li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellanti allura imputata ħatja tiegħu fis-sentenza appellata, inkluż in-natura tal-ħames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7) u tal-għaxar (10) imputazzjoni. Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti hija tal-

fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellanti allura imputata hija waħda korretta. Għandu jingħad li ma tressqet l-ebda raġuni valida li b'xi mod tista' twassal lil din il-Qorti sabiex tvarja l-piena msemmija. Għalhekk l-aggravju tal-appellanti qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti Charlene Gatt u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu msemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata għandu jibda jgħaddi mil-lum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**